MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 93/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Neville Said ta' 25 sena bin Michael u Kathleen nee' Buttigieg imwieled il-Victoria Ghawdex fis-16 ta' Dicembru 1984 u joqghod 11, Triq l-Isqof Ruzar Farrugia, Xaghra, Ghawdex li ghandu il-karta ta'l-identita numru 07685(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Neville Said li gie akkuzat talli fis-17 ta' Novembru 2007 ghal habta tad-9:30 a.m. gewwa San Lawrenz, Ghawdex:

1. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Noel u Carmel Grima minn Ghajnsielem jibzghu li ser tintuza vjolenza kontrihom jew il-proprjeta taghhom.
2. u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm u ghamel ordni jew kundizzjoni lil Noel Grima
3. aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi spara fuq kelb u b'hekk l-imsemmi kelb sofra ugiegh, tbatija jew dwejjaq bla bzonn.
4. u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirksotanzi ghamel hsara lil Cramel Grima liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta'l-imsemmi C. Grima.
5. u aktar talli fl-istess zmien , hin, lok u cirkostanzi spara arma tan-nar (senter) f'post abitat, jew fi qrib tieghu jew triq pubblika.
6. u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubbliku b'ghajjat u glied.
7. u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta' Gunju 2008

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi dana l-incident kollu nqala' minhabba s-semplici fatt illi l-kelb tal-parti leza Carmelo Grima kien qieghed jisraq il-hobz li l-imputat kien gab mieghu ghax-xoghol. Jidher illi dana kien diga sehh f'okkazzjoni precedenti u ghalhekk meta l-imputat induna illi dana l-kelb kien rega' hadlu l-hobz u kien rega ser ihallieh minghajr xi haga x'jiekol ghal dak il-jum, huwa irrabja, mar gab arma tan-nar li kellu fil-karozza tieghu u spara fid-direzzjoni tal-kelb tant illi dana l-kelb spicca

ntlaqat f'ghonqu. Il-hoss tal-isparatura gibed l-attenzjoni ta' Noel Grima li huwa iben Carmelo Grima li kien jinsab f'dak il-mument fil-barriera taghhom li hija biswit dik fejn jahdem l-imputat. Huwa induna illi l-imputat kien spara lejn il-kelb u gibidlu l-attenzjoni ghal dana l-fatt. Hawnhekk Noel Grima jghid illi l-imputat heddu li jekk ma jaghlaqx halqu kien ser jispara tir lejh ukoll. Hawnhekk Noel Grima ghamel sinjal lil missieru sabiex jitla' hdejh u hekk kif Carmelo Grima wasal hdejhom hu u l-imputat illitikaw u kienu ser jigu fl-idejn tant illi kien hemm xi haddiema li kellhom izommuhom. L-imputat anke spicca ntlaqat fuq widnejh minn Mario Muscat li kien impjegat ma' dawn Grima. Jidher illi l-imputat fl-ebda hin ma kellu l-arma tan-nar f'idejh waqt l-argument bejn Noel u Carmelo Grima ghaliex hekk kif spara lejn il-kelb huwa minnufih rega' pogga l-arma tan-nar fil-vettura tieghu fejn minn hemmhekk imbaghad giet elevata mill-pulizija.

Illi ghalkemm l-imputat ma jichadx illi huwa spara fid-direzzjoni tal-kelb madanakollu huwa jichad illi hedded lil Noel u Carmelo Grima izda qalilhom biss illi kien irrabjat ghaliex il-kelb kien qed jisraqlu l-hobz u dana meta huma marru hdejh ighajtu mieghu ghax laqtilhom il-kelb. Huwa jsostni illi kienu dawn Grima li hebbew ghalih tant illi huma telghu ghalih akkompanjati mill-haddiema taghhom tant illi wiehed mill-haddiema sahansitra aggredieh u ikkagunalu xi feriti, izda jghid illi fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu fil-konfront ta' dana l-haddiem huwa kien hafirlu ghal dana l-incident.

Illi ghaldaqstant mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-imputat spara lejn il-kelb tal-parti leza Carmelo Grima, illi l-isparatura sehhet gewwa barriera privata u illi l-partijiet spiccaw jargumentaw bejniethom wara l-incident.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika l-ewwel u qabel kollox illi tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghar-reat tal-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per

Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-*harassement* taht dina d-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :
**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the**

**less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**
Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi minn dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana r-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ma jistax jissussisti. Dana ma kienx xi *course of conduct* izda certament u minghajr l-icken dubbju kienet okkazzjoni unika. Mill-provi kollha mismugha f'dina l-kawza jidher illi ma kien hemm l-ebda animosita bejn il-familja Grima u cioe' il-parti leza u l-imputat. L-imputat kien impjegat ma' Teddy Grima li jigi hu Carmelo fil-barriera u hu kien imur hemmhekk semplicement sabiex jaqla' l-ghejxien tieghu. Kif diga inghad iktar 'il fuq dana d-disgwid bejn il-partijiet inqala' minhabba fil-fatt illi l-kelb ta' Carmelo Grima kien qed jisraq l-ikel tal-imputat.

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi ikkaguna hsara volontarja fuq proprjeta ta' Carmelo Grima. Illi hawnhekk certament qed issir referenza ghal dana l-kelb illi ghalkemm kien ferut jidher illi telaq minn fuq il-post minghajr hadd ma nduna u baqa' qatt ma nstab. Illi

Carmelo Grima jghid illi huwa kien xtara dana l-kelb minn ghand wiehed Malti u hallsu Lm200 ghalih. Madanakollu huwa ma kienx f'posizzjoni jghid min kien dana l-Malti u inoltre qatt ma ezebixxa prova dwar il-pagament. Lanqas ma giet imressqa prova illi l-kelb in kwistjoni kien illicenzjat fuq isem Carmelo Grima. Fil-fatt l-ebda licenzja ma giet esebita u lanqas tressqet xi prova dwar l-istess mill-ufficcju tal-licenzji tal-pulizija. Illi ghaldaqstant il-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova dwar il-proprjetarju ta' dana l-kelb kif ukoll dwar il-prova tad-danni u dana ghaliex la gew esebiti provi dokumentali u lanqas gie misjub il-kelb sabiex il-Qorti taccerta ruhha jekk fil-fatt jekk dana mietx b'konsegwenza tal-griehi li sofra jew inkella jekk huwa harabx minn fuq il-post u ma rritornax.

Illi lill-imputat qed jigi addebitat ukoll ir-reat tat-theddid b'ordni jew kundizzjoni a tenur tal-artikolu 249(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputat spicca f'nofs argument b'konsegwenza tal-fatt illi huwa kien spara fuq dana l-kelb u ghalhekk certament jirrizulta l-ksur tal-paci u l-ordni pubblika, madanakollu hemm konfliggenza fil-provi ghar-rigward tal-fatt jekk huwa heddidx lil Noel Grima o meno peress illi ghalkemm Grima jghid illi huwa heddu li kien ser jispara lilu wkoll, l-imputat dana jichdu. Ghar-rigward ta' Carmelo Grima ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi f'xi hin huwa hedded lil Carmelo Grima kif lanqas hemm prova illi l-imputat dagha jew qal xi kliem oxxen fil-pubbliku.

Ikkunsidrat;

Illi min-nota ta' rinviju jirrizulta illi l-imputat qieghed ukoll jigi akkuzat bir-reat dwar il-mohqrija tal-annimali kif previst fl-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi testwalment:

"*L-ebda annimal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat*."

Illi l-imputat ma jinnegax illi kien huwa li spara lejn il-kelb ta' Grima. Huwa jistqarr illi mar b'arma tan-nar f'idejh u

spara lejn id-direzzjoni tieghu biex ibezzghu sabiex dana l-kelb ma jergax jehodlu l-hobz. Huwa ghalhekk irritalja ghall-azzjoni tal-kelb li kien qieghed jisraqlu l-ikel u mar ghalih bl-intenzjoni li jghamillu l-hsara. L-imputat certament kien ferm irrabjat ghal dana l-kelb u kien ghalhekk illi fil-mument tar-rabbja huwa mar igib l-arma mill-vettura tieghu u mar ghalih biex jisparalu. Illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali recentement issotolinjat l-importanza li qed jigu moghtija l-annimali fis-socjeta ta' llum tant illi l-ligijiet tal-pajjizi qed jigu emendati sabiex l-annimali llum jinghataw il-protezzjoni kollha misthoqqa:

"L-annimali llum qed jingħataw rispett liema bħalu tant li l-Legislatur Germaniż ħass li kellu jemenda saħansitra l-Kostituzzjoni u jsemmi l- annimali specifikatament fl-ogħla Ligi tal-Germanja kif jidher minn dan l-artikolu:

**Article 20a '[Protection of the natural foundations of life and animals]**

Mindful also of its responsibility toward future generations, the state shall protect the natural foundations of life and animals by legislation and, in accordance with law and justice, by executive and judicial action, all within the framework of the constitutional order.'[1]

Illi ghalhekk dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata u l-Qorti ser issib htija fil-konfront tal-imputat taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

Illi fl-ahharnett lill-imputat qed jigu addebitati l-aggravji ghal kummissjoni ta' dan ir-reat peress illi filwaqt tal-kummissjoni tieghu huwa kien qieghed jaghmel uzu minn arma tan-nar u dana kif dispost fl-artikolu 5(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi l-piena ghandha tizdied bi grad. Madanakollu ma jirrizultax ippruvat illi l-imputat ghamel uzu minn dina l-arma ta-nar f'post pubbliku jew abitat u fi kwalunkwe kaz fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali ma gewx indikati d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw dana r-reat.

---

[1] Ara sentenza Il-Pulizija vs Shaun Theuma – 29/11/2010

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari li fih gie kommess dana r-reat. Illi dan ma jfissirx illi l-Qorti qed tnaqqas mis-serjeta tieghu izda certament piena karcerarja effettiva ma hijiex idoneja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(2) u 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 338(dd) u 31(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-hames u s-seba akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tielet u s-sitt akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta’ xahrejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana l-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tad-Dokumenti MB7 u MB8 esebiti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------